**14 ta' Ġunju, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Vella

## Ordinanza tad-Dwana - Konfiska

*Huwa ċar li l-konfiska ai termini ta' l-artikolu 60 (illum 60) ta' l-Ordinanza tad-Dwana hija konsegwenza naturali mhux tal-piena jew tal-ħtija ta' xi ħadd iżda tal-fatt li dawk l-oġġetti jinsabu Malta kontra l-istess liġi. Dan ifisser li fi kwalunkwe kawża trattandosi ta' ksur ta' dan l-artikolu indipendentement mill-ħtija o meno ta' l-imputat tiġi ordnata l-konfiska jekk u meta jkun stabbilit li tirriżulta xi infrazzjoni ta' l-artikolu 60 imsemmi. Dan l-artikolu effettivament ma jirriferix għal persuna (kif jagħmel l-artikolu 61 - illum 62) li tkun kisret il-liġi imma għall-oġġett żdazjat stess. Oltre dan hemm l-artikolu 24 (3) (illum 23(3)) tal-Kodiċi Kriminali, li jagħmilha ċara li una volta l-oġġetti in kwistjoni huma żdazjati u għalhekk ma jistgħu jkunu fil-pusssess ta' ħadd dawn għandhom jiġu kkonfiskati indipendentement mill-ħtija o meno ta' l-imputat.*

Il-Qorti:-

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni miġbura fuq l-imputazzjonijiet miġjuba miill-Pulizija kontra l-imputat;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Diċembru, 1983, li biha dawk l-attijiet ġew mibgħuta lil din il-Qorti sabiex hija, f'nuqqas ta' oġġezzzjoni ta' l-imputat skond dak li hemm maħsub fl-artikolu 382 (3) (d) tal-Kodiċi Kriminali, tiddeċidi fuq l-akkuża tal-ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra, taħt dak li

hemm maħsub fid-disposizzjonijiet tal-liġi, f'dik in-nota msemmija;

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar, 1984 li bih l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat sommarjament u deċiż minn din il-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' l-14 ta' Frar, 1984 li biha sabet lill-imputat mhux ħati u lliberatu iżda għall-finijiet ta' l-artikolu 60 (a) (b) (c) tal-Kap. 60 ordnat il-konfiska tat-*tyures* esebiti;

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha limitatament għal dik il-parti fejn ġiet ordnata l-konfiska tat-*tyres* esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant qiegħed isostni illi l-Ewwel Qorti stante li lliberatu minn kull ħtija u piena ma setgħetx tordna l-konfiska għaliex il-konfiska hija konsegwenza tal-piena;

Illi dan l-aggravju però mhux fondat għax fl-ewwel lok ir-regola msemmija mill-appellant mhix waħda assoluta iżda tapplika biss fejn il-leġislatur għamilha tapplika u f'dan il-każ jekk wieħed jara l-artikolu 60 tal-Kap. 60 hu ċar biżżejjed li l-

konfiska hija konsegwenza naturali mhux tal-piena jew tal-ħtija ta' xi ħadd iżda tal-fatt li dawk l-oġġetti jkunu jinstabu Malta kontra l-istess liġi. Dan ifisser li fi kwalunkwe kawża trattandosi ta' ksur ta' l-artikolu 60 tal-Kap. 60 indipendentement mill-ħtija o meno ta' l-imputat tiġi ordnata l-konfiska jekk u meta jkun stabbilit li tiriżulta xi infrazzjoni ta' l-artikolu 60 imsemmi. Dan l-artikolu effettivament ma jirriferix għal persuna (kif jagħmel l-artikolu 61) li tkun kisret il-liġi imma għall-oġġett żdazjat stess. Oltre dan hemm l-artikolu 24 (3) tal-Kodiċi Kriminali, li jagħmilha ċara li una volta l-oġġetti in kwistjoni huma sdazjati u għalhekk ma jistgħu jkunu fil-pussess ta' ħadd dawn għandhom jiġu kkonfiskati indipendentement mill-ħtija o meno ta' l-imputat. S'intendi, qed issir riserva *si et quatenus* lill-imputat għal kull dritt ta' rigress li jista' jkollu;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.